KUNSILL LOKALI NADUR

# Minuti tal-ħames (5) laqgħa tat-tmien (8) Kunsill Lokali tan-Nadur

## It-Tnejn, 10 ta' Awissu, 2015 fl-4.00 pm

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Edward Said | Sindku |
| Eucharist Camilleri | Viċi Sindku |
| Dr. Josianne Cutajar | Kunsilliera |
| Dr. Rita Mifsud | Kunsilliera |
| Danica Cassar | Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ |
| *Joseph Azzopardi* | *Aġent Segretarju Eżekuttiv* |

**Skuzat:**

| | |
|---|---|
| Michael Camilleri | Kunsillier |

**1. Talba.**

Il-laqgħa bdiet b'talba.

**2. Minuti.**

Il-minuti tar-raba (4) laqgħa, tat-Tlieta 7 ta' Lulju 2015, tat-tmien Kunsill ġew ikkoreġuti, approvati, ffirmati u dikjarati bħala dokument uffiċjali.

Bħala punti mill-minuti, is-Sindku Edward Said innota:

a. Dwar il-kampanja *Know Your Bank Notes* ser isir tentattiv għal sessjoni f'Settembru għall-anzjani bħala parti mid-Day Centre ta' nhar ta' Tlieta fis-Sala Parrokjali. Il-Viċi-Sindku talab sabiex nagħtu iktar rwol informattiv liċ-Ċentru tal-anzjani u għalhekk tajjeb li jkun hemm laqgħa nformattiva kull xahar. Ġie rrimarkat li kellha ssir laqgħa dwar id-dimensja fit-12 ta' Awissu u din ġiet ikkanċellata.
b. Dwar il-ħadid ta' Daħlet Qorrot, is-Sindku nnota li l-Kunsill qed jibqa' jaffaċja ħafna lmenti minkejja li dan ix-xogħol suppost sar minn naħa tad-Dipartiment konċernat, u li bħalissa qed jgħidulna li qed jistennew baħar kalm biex jitkompla.
c. Bħala kors *Lifelong Learning* ser isir Card-Making u ser jinżamm kull nhar ta' Tlieta, fil-5 p.m., matul ix-Xitwa.

d. Is-*swimmers zone* ta' San Blas ġiet estiża, għalkemm xorta waħda rċevejna xi lmenti dwar il-qisien tagħha.
e. Ix-xogħol fuq Triq Torri Sopu beda.
f. Dwar is-servizz ta' *accountant*, l-aġent segretarju eżekuttiv innota li Michelle Camilleri sejra tajjeb ħafna u qed tagħtina s-servizz mixtieq u qed jiltaqgħu regolarment.
g. Is-Sindku semma laqgħa tal-Erasmus li għaliha attendiet Danica Cassar. Hi nnotat li kien hemm ripetizzjoni ta' dak li ntqal qabel. Is-Sindku faħħar l-inizzjattiva li qed jieħdu l-Kunsill taż-Żgħażagħ fejn japplikaw waħedhom għal skjambi u inizzjattivi oħra.
h. Il-Viċi-Sindku spjega li wara li tkellem ma' Anthony Camilleri li jaħdem fil-qasam ta' programmi ta' fondi Ewropej, hu għandu jkun lura f'Malta f'Ottubru fejn nistgħu niltaqgħu miegħu, u anke nfurmah li l-prijorita tagħna għall-finanzjament hi fir-rigward ta' Ċentru ta' Servizzi.
i. Dwar ġbir ta' skart ma jidhirx li kellna ilmenti fuq it-tneħħija tal-ġurnata tal-Ħamis ħlief fl-*area* ta' Kenuna. Hu kompla li l-kuntratturi responsabbli mil-area ta' Kenuna ma ħadux ħsieb sew fix-xahar ta' Lulju u allura l-pagament irid ikun rivedut. Dwar l-skips, għall-bidu kien hemm ilmenti minħabba li neħħejna nhar ta' Tnejn pero, wara li ħallejna ftit iktar żmien, din indrat. Il-Viċi-Sindku innota li qed ikun hemm residenti li qed jużaw dan is-servizz flok ġbir ta' skart goff. Rita Mifsud innotat li nistgħu nagħmlu sinjal informattiv fuq din l-*area*. Barra minhekk qed issir tindifa kull nhar ta' Erbgħa u Sibt.

*Nota: il-kunsilliera lokali Dr. Josianne Cutajar daħlet għal laqgħa fl-4.20pm. Dwar il-materja tal-estensjoni ta' swimming zone li kienet diġa ġiet imsemmiha, hija irringrazzjat lill TM tal-koperazzjoni tagħhom u qalet li jekk għad fadal xi ilmenti, nistgħu nieħdu nota tagħhom għas-sajf li ġej.*

j. Dwar il-kuntratt fuq l-għatba taz-zuntier is-Sindku qal li ser jaħdem fuqu fiż-żmien li ġej.

### 3. Korrispondenza.

| | |
|---|---|
| 5337 | Ittra mingħand Għaqda Armar Triq il-Kappillan dwar bar fil-Wine Festival. |
| 5340 | Ittra mingħand EUPA dwar applikazzjoni tagħna għal Erasmus+ programme. |
| 5341 | Ittra mingħand il-Kumitat tal-Milied fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex dwar attivita relatati mal-Milied. Ser nivverifikaw mal-Museum Subien Nadur. |
| 5342 | Offerta minn Citadel Cinema dwar prezzijiet kompetittivi. |
| 5345 | Email minn KML – konferenza fuq "G.I.S" fis-16 ta' Settembru 2015. |
| 5346 | Memo 18/2015 – Att dwar ir-Responsabbilita Fiskali. |
| 5347 | Reklam dwar il-Wirja tal-Biedja u Snajja fir-Rabat Għawdex. |
| 5347(a) | Kors dwar Management of EU Funds minn PWC. |
| 5347(b) | Notifika ta' infurzar f'Wied ir-Riħan mill-MEPA. Is-Sindku spjega li wara rapporti mill-Kunsill dawn anke marru fuq il-post jaraw tkompliex ix-xogħol. |
| 5347(c) | Minuti ta' laqgħa dwar bdil tad-dwal fit-toroq. Il-Kunsill qabel li inżommu numru ta' brackets u fanali fil-garaxx tagħna, minn dawk li qed jinbidlu. |

| | |
|---|---|
| 5347(d) | Pre-announcement guidance notes għall-attivitajiet kulturali. Kien hemm qbil li nemfasizzaw l-għajnuna finanzjarja fuq l-attivitajiet tal-Karnival. |
| 5347(e) | Laqgħa dwar Management Plans. Josianne Cutajar ser tagħmel follow-up. |
| 5347(f) | Attivita minn Għaqda Armar Triq Tramuntana nhar il-21 t'Awissu 2015. |
| 5347(g) | Dettalji dwar applikazzjonijiet għal Fondi Ewropej għal skambji fuq ġemellaġġi. Michael Camilleri għandu jiċċekja d-dettalji filwaqt li s-Sindku qed jitkellem mas-Sindku ta' Cicciano dwar dan. |

## 4. Approvazzjoni ta' Pagamenti.

Il-Kunsill approva l-iskeda ta' pagamenti li ġiet ippreżentata qabel il-laqgħa. Is-Sindku Edward Said semma xi pagamenti oħrajn li ser jiżdiedu mal-iskeda u l-Kunsill approva l-iskeda kollha kemm hi.

## 5. Deċiżjoni dwar l-offerti pubbliċi tal-Knis fl-areas tax-Xagħri u ta' San Blas u tal-manutenzjoni tal-Ġnien u l-Latrina Pubblika fi Ġnien il-Kunsill.

Is-Sindku qal li dawn il-kuntratti nfetħu fil-preżenza tiegħu, tal-kunsilliera Josianne Cutajar u l-aġent segretarju eżekuttiv. Is-Sindku qara l-prezzijiet ta' kull min issottometta l-offerta ta' dawn it-tliet kuntratti u d-dokumentazzjoni li ssottomettew.

Dwar il-kuntratt tal-area tax-Xagħri, il-Kunsill unanimament qabel li nagħtu l-offerta pubblika lil Nicholas Zammit bil-prezz ta' 170 Ewro fix-xahar, li anke offra l-iktar prezz vantaġġjuż. L-offerti l-oħrajn kienu ta' Lawrence Borg (199 Ewro fix-xahar), Joseph Spiteri (183 Ewro fix-xahar), Mario Camilleri (199 Ewro fix-xahar), Chris Paul Cardona (175 Ewro fix-xahar) u Charles Mifsud (180 Ewro fix-xahar). L-offerti ta' Mario Camilleri u Charles Mifsud ma kienux mimliha kif rikjest.

Dwar il-kuntratt tal-area ta' San Blas, il-Kunsill unaniment qabel li din tingħata lil Chris Paul Cardona bil-prezz ta' 169 Ewro fix-xahar, li anke offra l-iktar prezz vantaġġjuż. L-offerti l-oħrajn kienu ta' Nicholas Zammit bil-prezz ta' 170 Ewro fix-xahar, Joseph Spiteri bil-prezz ta' 172 Ewro fix-xahar u ta' Lawrence Borg bil-prezz ta' 190.67 Ewro fix-xahar.

Dwar il-kuntratt tal-manutenzjoni tal-ġnien u l-latrina pubblika fi Ġnien il-Kunsill, il-Kunsill qabel unaniment li din tingħata lil Lawrence Borg bil-prezz ta' 195 Ewro fix-xahar, li anke ssottometta l-iktar prezz vantaġġjuz. L-offerti l-oħrajn kienu ta' Joseph Cauchi bil-prezz ta'

223 Ewro fix-xahar u Mario Camilleri bil-prezz ta' 220 Ewro fix-xahar li t-tnejn ma kienux mimliha kif rikjest.

Josianne Cutajar issuġġeriet li tintbagħat ittra ta' ringrazzjament lil Joseph Cauchi illi kien ilu jieħu ħsieb dan il-ġnien u l-latrina pubblika għal dawn l-aħħar snin u li dejjem ta' servizz mill-aħjar lill-Kunsill.

## 6. Offerta pubblika tal-provista tal-ilma f'ġonna pubbliċi u soft areas u tal-manutenzjoni tal-latrina pubblika fi Triq it-Tramuntana.

Is-Sindku nnota li l-kuntratt tal-ilma skada u allura ssuġġerixxa li jiġi estiż il-kuntratt mal-kuntrattur preżenti sa' Ottubru, jiġifieri bi tlett xhur, u dan sabiex fil-laqgħa ta' Settembru tittieħed deċiżjoni finali dwar l-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt u fil-laqgħa t'Ottubru jintgħażel il-kuntrattur il-ġdid għat-tlett snin li ġejjin. Is-Sindku spjega wkoll li dan qed isir sabiex il-kunsill jieħu l-pariri meħtieġa dwar x'għandu jkun inkluż fil-kuntratt. Kien hemm qbil unanimu għal dan.

Is-Sindku nnota wkoll li fil-laqgħa ta' Settembru għandna naraw li noħorġu l-offerta għall-manutenzjoni u ndafa tal-Latrina Pubblika fi Triq it-Tramuntana, u dan sabiex nevitaw ħafna proċessar u li nerġgħu noħorġu sejħa għaliha waħeda fl-aħħar tas-sena.

## 7. Attivitajiet konnessi mal-Wine Festival, inkluż kwotazzjonijet.

Is-Sindku Edward Said semma li ser ikun hemm diversi Stands tal-ikel, fosthom BBQ, ftajjar, chinese, baguettes, qubbajd u crepes. Ir-Restaurant ser ikun ta' San Andrea Hotel għal din is-sena. Għad fadlilna rridu nsibu stands għal Pork u Pasta. Dwar entertainment s-Sindku innota li għandna programm lest u mimli sew, fejn bands u kantanti lokali ser ikunu qed jiehdu sehem. Is-Sindku nnota li Delicata ser iħallsu l-ispejjeż tas-soltu u terz tal-*entertainment*. Il-Kunsill qabel li jiltaqa' nhar it-Tnejn 17 ta' Awissu 2015 fil-5.00p.m. biex jiddeċiedi dwar il-bars. Ser jieħdu ħsieb jgħinu fl-organizzazzjoni tal-palk Annette Portelli Said, Joe Chircop u Joseph Azzopardi.

**Kwotazzjonijiet relatati mal-attivita.**

| | | |
|---|---|---|
| Sistema tad-dawl: | Sourcelite: | 3,500 Ewro |
| | AV Warehouse: | 5,239.20 Ewro |
| Sistema tas-Sound: | N Jay Disco Entertainment: | 11,210 Ewro |
| | ProStage: | 1,500 Ewro |
| | Power Sound: | 2,896.90 Ewro |
| | AV Warehouse: | 1646.10 Ewro |

Il-Kunsill qabel unanimement li dawn jingħataw lil Sourcelite u Prostage għaliex issottomettew l-iktar prezzijiet kompetittivi u diġa ħdimna magħom fil-passat b'mod tajjeb ħafna.

## 8. Proġett Pjazza San Pietru u San Pawl.

Is-Sindku rrimarka li l-inawgurazzjoni tal-proġett tal-pjazza ikun aħjar jekk isir f'Novembru, bħala parti mill-festi ta' Jum il-Kunsill, u l-Kunsilliera qablu. Huwa spjega wkoll li din il-ġimgħa għandhom jerġgħu jibdew jgħaddu tal-linja mill-Pjazza filwaqt li jitkompla x-xogħol.

Il-Kunsill issospenda l-agenda tal-laqgħa sabiex ikun jista jiddiskuti mal-Perit Robert Grech dan il-proġett. Il-Viċi Sindku staqsa dwar il-mod kif tpoġġa l-madum inkluż il-*grouting* u l-aċtu tiegħu u anki l-qlib tal-ilma fil-pjazza. Hu staqsa wkoll mistoqsijiet dwar servizzi tad-drenaġġ u l-GO u dwar il-finanzjament. Josianne Cutajar staqsiet dwar jekk aħniex fil-ħin biex inlaħħqu mal-estensjonijet li ngħatajna. Dwar il-Mizura 313 prattikament spiċċa x-xogħol pero jonqos it-tabelli; madwar 80 li jistgħu jitwaħħlu fil-passaġġi ndikati mil-Kunsill. Fejn hemm is-siġar, ser isiru *gratings* tal-*cast iron* u baqa wkoll *street furniture*. Josianne Cutajar staqsiet dwar il-*pallets* u dawn ser jitneħħew din il-ġimgħa. Il-Viċi Sindku staqsa wkoll dwar il-ġibjun tal-ilma fejn ingħatat spjegazzjoni. Trid issir ukoll *zebra crossing, gutters* u *overflow channels*. Dr. Rita Mifsud innotat li rċevejna kritika li dejjaqna t-triq iżżejjed. Il-Perit spjega li t-triq tal-Pjazza ma setgħetx titwessa aktar peress li riedet issir bankina n-naħa ta' fejn hemm il-ħwienet li tkun adekwata u takkomoda kemm lil ħwienet u anke lil pedestrians, u anke peress li hemm is-salib li qiegħed fin-nofs u l-bankina riedet tkun tal-inqas metru minnu 'l barra sabiex ma ikunx hemm periklu għal min juża dik in-naħa. Ġiet diskussa fit-tul il-kwistjoni taz-*zebra crossing* mal-Perit. Josianne Cutajar staqsiet għall-follow-up dwar il-korrispondenza li kienet intbagħtet minn TM b'suġġeriment għaċ-ċaqliq taz-zebra crossings fil-Pjazza.

Is-Sindku qara korrispondenza bejn il-Go u Ta' Xmun Projects dwar l-ispejjeż ta' 'l fuq minn 6,000 Ewro relatati ma' ħsarat fil-cables tagħhom f'din il-pjazza f'Mejju li għadda.

9. **Affarijiet Oħra.**

a) Is-Sindku nnota li hu kien tkellem mal-operaturi ta' Pjazza San Pietru u San Pawl sabiex jingħataw permessi temporanji matul is-sajf għall-imwejjed u siġġijiet. Peress li huma bdew jirrapurtaw lil xulxin, hu kompla li ser noħorġu l-permessi skont l-Avviz legali li jiregola l-permessi. Il-Kunsill qabel li napplikaw ghal speed limit ta' 30 km/h fil-pjazza, markers bl-stainless steel fejn ser jingħataw il-permessi, iridu jsiru *surveys t*at-traffiku li hemm fil-pjazza, irid ikun hemm ftehim dwar il-canopies u post indikat fejn *waiters* jistgħu jaqsam min-naħa għall-oħra. Is-Sindku kompla li trid isir master plan għall-pjazza kollha li trid tiġi sottomessa lill-M.E.P.A.

b) Is-Sindku innota li c-Charter ser isir Hepstedt il-Ġermanja bejn il-25 u t-28 ta' Settembru. Kien hemm qbil li apparti l-Viċi Sindku, jattendi l-aġent segretarju ezekuttiv flimkien ma' Paul Camilleri u Peter Ray Said li lesti li jgħinuna fic-Charter 2018. Ġie nnotat li f'Ottubru għandna stedina għall-laqgħa taz-zgħazagħ.

c) Il-Kunsill iddiskuta Jum il-Kunsill. Dwar Ġieħ in-Nadur il-Kunsill qabel li jinħatar bord li jevalwa n-nomini. Il-Kunsill qabel dwar il-membri: Charles Xuereb, Peter Buttigieg, Anton Said, Mons. Joseph Cauchi u Marija Buttigieg u dawn jistgħu jiżdiedu sa seba' persuni. Josianne Cutajar qalet li Mons Salv Pace jista' jkun ukoll ta' kontribut f'dan il-qasam. Nhar is-Sibt 14 ta' Novembru 2015 ser ninawguraw il-pjazza; dakinhar ikollna wirja ta' nar minn fuq il-bjut. Is-Sindku kompla li mal-Kunsill taz-Zgħazagħ ser jipproponi sports day u lejl ta' muzika fi Pjazza San Pietru u San Pawl. Hu semma l-possibilta ta' ftuħ ta' wirja fl-uffiċċju amminstrattiv tal-Kunsill.

d) Dwar ir-rivista tal-Kunsill, din ser tinħareġ wara l-wine festival fejn ser tingħata l-possibilta ta' messaġġ ta' nofs paġna lil kull kunsillier u dan ser jibqa bl-istess format.

e) Dwar il-ħajt tad-Duru s-Sindku nnota li dan kien ippjanat mill-leġislatura ta' qabel. Hu mar fuq il-post u spjega li ma jidhirx li hemm skop tat-taraġ. Barra minn hekk, bdiewa li għandhom l-għalqa taħt il-ħajt, u li t-taraġ kien ser jinfed fir-raba tagħhom qalu lis-Sindku li lesti jagħmlu mandat jekk dan it-taraġ isir. Il-Kunsill qabel li nitolbu l-istima sabiex isir ħajt u jitkompla x-xogħol mingħajr taraġ peress li kulħadd għandu aċċess minn bnadi oħra, u li rridu nevitaw li ma jsirx ix-xogħol qabel ix-xitwa.

f) Dwar il-kanuni, kien hemm qbil li dawn jerġgħu jitpoġġew fil-pjazza.

g) Il-ħarġa li jmiss tal-anzjani għas-Sibt 19 ta' Settembru f'Malta fejn fost l-oħrajn ser izuru l-bini tal-Parlament il-ġdid.

h) Is-Sindku talab biex għaż-żjara tat-tfal tan-nursery għal Cicciano, il-Kunsill iħallas għat-trasport bejn iċ-Ċirkewwa u l-ajruport u lura; il-Kunsill qabel.

i) Is-Sindku semma dawn ir-rikjesti mir-residenti: bankina fi Triq l-Emigranti, Triq Xandriku u Triq Frangisk Attard, sleeping policemen fid-daħla tal-pjazzetta, sement fi sqaq fi Triq ir-Ramla, sement u torba f'Tax-Xini, u patching fil-wied ta' San Blas u Triq Daħlet Qorrot,

u no parking faċċata tar-rampa fil-bajja ta' Daħlet Qorrot. Dwar l-isleeping policement tal-pjazzetta, is-Sindku ser jiċċekja eżatt mar-residenti qabel issir xi applikazzjoni.

j) Is-Sindku nnota li ser nagħmlu riċerka dwar parti ta' Triq ta' Fatima li mhix asfaltata sabiex naraw eżattament it-titolu tagħha.

k) Il-Vici Sindku semma li *Nadur Youngsters* krew il-gabbana ta' ħdejn il-*ground* tal-*football* lil John Haber u li dan jixtieq iċaqlaq din il-gabbana sabiex tikber l-area, dan spejjeż għalih. Il-Kunsill qabel. Il-Viċi Sindku talab ukoll li nirrapurtaw lill-awtoritajiet dwar l-infurzar tal-istruttura ta' biċċa mill-grawnd li qegħda fi stat ħażin. Huwa talab ukoll ħadida ma' bankina fi Triq ta' Ħida.

l) Rita Mifsud qajmet ukoll punt dwar is-siġar tal-Palm fi Triq David Cocco Palmeri, fejn kien hemm min ġibed l-attenzjoni li jistgħu jkunu morda. Hija talbet verifika dwar jekk hux qed jingħata trattament lil dawn is-siġar partikulari u anke lil bqija tas-siġar tal-palm f'inħawi oħra. Is-Segretarju ser jivverifika u jiġi lura b'risposta.

m) Josianne Cutajar semmiet rikjesta ta' persuni għal sleeping policeman fi Triq San Guzepp. Il-Kunsill qabel li filwaqt li noqogħdu attenti għal dawn ir-rikjesti, l-ewwel għandna naraw eżatt x'qed jitolbu r-residenti. Josianne Cutajar talbet biex kif titla mil-bajja ta' San Blas isir *double yellow line* għax qed ikun hemm blind spot u anke konġestjoni biex iddawwar tal-linja. Josianne Cutajar semmiet ukoll Triq il-Qortin u x'possibilita hemm li tiġi ppeċjata bis-siment jew anke tarmac. Qamet diskussjoni dwar il-problema tal-fosos tad-drenaġġ u l-fatt li minħabba l-vetturi l-kbar li jgħaddu minn hemm, l-ebda patching ma hu biżżejjed. Josianne Cutajar semmiet ukoll l-importanza illi titnaddaf l-area ta' madwar l-iskips speċjalment lejn in-naħa ta' Xurdin peress li qed itir xi skart. Is-Sindku spjega li qed jieħu ħsieb jagħmel dan ix-xogħol l-iskip attendant illi qed ikun hemm darbtejn f'Ġimgħa. Hi fakkret ukoll fil-patching tan-niżla ta' San Blas mill-parking 'l isfel.

## 10. Data għall-Laqgħa Oħra

Il-laqgħa spiċċat fis-6.45 p.m.

Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar l-Erbgħa 9 ta' Settembru, 2015, fil-5 pm.

**Kunsill Lokali: Nadur**

**Skeda Numru 5**

**Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

**Data: 08/08/15 - 08/09/15**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Commissioner of Inland Revenue | €843.16 | €843.16 | | July | 31/07/15 | | 14018 |
| 2 | Joseph Azzopardi | €30.00 | €30.00 | | Performance during Mnarja | 14/08/15 | | 14019 |
| 3 | Rebecca Bonello | €20.00 | €20.00 | | Performance during Mnarja | 14/08/15 | | 14020 |
| 4 | Jolene Samhan | €20.00 | €20.00 | | Performance during Mnarja | 14/08/15 | | 14021 |
| 5 | Elaine Haber | €20.00 | €20.00 | | Performance during Mnarja | 14/08/15 | | 14022 |
| 6 | Socjeta Filarmonika Mnarja | €100.00 | €100.00 | | Performance during Mnarja | 14/08/15 | | 14023 |
| 7 | Nadur Parish | €150.00 | €150.00 | | Mnarja Services | 14/08/15 | | 14024 |
| 8 | Marie Claire Grima | €50.00 | €50.00 | | Mnarja Photography Services | 14/08/15 | | 14025 |
| 9 | VOID | VOID | VOID | | VOID | VOID | | 14026 |
| 10 | Marvin Camilleri | €30.00 | €30.00 | | Mnarja Services | 14/08/15 | | 14027 |
| 11 | Mario Cardona | €30.00 | €30.00 | | Mnarja Services | 14/08/15 | | 14028 |
| 12 | Chris Paul Cardona | €30.00 | €30.00 | | Mnarja Services | 14/08/15 | | 14029 |
| 13 | Mallia Property & Dev. Co. Ltd. | €321.00 | €321.00 | | Hardware supplies | July | 2406 | 14030 |
| 14 | Simon Sultana | €1,759.99 | €1,759.99 | | Sweeping of Hida and Grunju Areas April- July | 02/08/15 | 321 | 14031 |
| 15 | Salvu Meilak | €175.50 | €175.50 | | Cleaning of Public Convenience Niorth Street | 03/08/15 | 8664067 | 14032 |
| 16 | RA & Sons Man. Ltd. | €44.98 | €44.98 | | Pavement building supplies | 23/07/15 | 17812 | 14033 |
| 17 | Saviour Xiberras | €105.00 | €105.00 | | Fuel Allowance | 31/07/15 | | 14034 |
| 18 | Anthony Magro | €184.96 | €184.96 | | Handyman July | 31/07/15 | | 14035 |
| 19 | Matthew Xuereb | €144.50 | €144.50 | | Handyman July | 31/07/15 | | 14036 |
| 20 | John Ivan Xuereb | €1,134.44 | €1,134.44 | | Handyman July | 31/07/15 | 19416 | 14037 |
| | **Total** | **€5,193.53** | **€5,193.53** | | | | | |

Sindku

Segretarju Ezekuttiv

Kunsillier

Kunsillier

**Kunsill Lokali: Nadur**

**Skeda Numru 5**

**Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

**Data: 08/08/15 - 08/09/15**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 21 | Mary Attard | €91.98 | €91.98 | | Librarian- July | 31/07/15 | | 14038 |
| 22 | Joseph Azzopardi | €709.00 | €709.00 | | July | 31/07/15 | | 14039 |
| 23 | Galea Curmi Eng. Cons. Ltd. | €96.62 | €96.62 | | Contract Manager Fee July 2015 | 31/07/15 | 3466 | 14040 |
| 24 | KIP | €3,790.50 | €3,790.50 | | Refuse collection July | 31/07/15 | 19702 | 14041 |
| 25 | United Minibus Service | €94.40 | €94.40 | | Various Minibus transfers | 31/07/15 | 414 | 14042 |
| 26 | United Minibus Service | €450.21 | €450.21 | | Various Minibus transfers | 31/07/15 | 416 | 14043 |
| 27 | Tony Cefai Refrigeration | €53.10 | €53.10 | | Maintenance on two air condtioning units on ground floor | 31/07/15 | 4517 | 14044 |
| 28 | Charles Mifsud | €190.00 | €190.00 | | Sweeping of Xaqghri Area - July | 31/07/15 | | 14045 |
| 29 | Michael Refalo | €120.00 | €120.00 | | Emptying of cessput in Dahlet Qorrot 15/07/15 | 26/07/15 | 3222 | 14046 |
| 30 | Rita Mifsud Attard | €75.98 | €75.98 | | Food for culinary night during Charter Meeting | 23/07/15 | 70806 | 14047 |
| 31 | Portelli Print | €420.00 | €420.00 | | Festa flyers full colour | 21/07/15 | 1033 | 14048 |
| 32 | MITA | €416.85 | €416.85 | | WIFI july-sept | 17/07/15 | 32342 | 14049 |
| 33 | Mario Mallia | €133.60 | €133.60 | | Supply of road mirrors and signs | 16/07/15 | 253 | 14050 |
| 34 | Cloud9 | €899.00 | €899.00 | | PA System Mnarja | 13/07/15 | | 14051 |
| 35 | Pierre Vella | €60.00 | €60.00 | | Supply of signs | 13/07/15 | 15004 | 14052 |
| 36 | Robert Grech | €1,667.87 | €1,667.87 | | Architect and Project Management Fee | 10/07/15 | 236/1074-15 | 14053 |
| 37 | Permanent Secretary Ministry For Justice Culture & Local Government | €30.00 | €30.00 | | Advert | 10/07/15 | | 14054 |
| 38 | Sammy Attard | €1,626.00 | €1,626.00 | | Supply of Water | 05/07/15 | 120 | 14055 |
| 39 | Sammy Attard | €1,572.00 | €1,572.00 | | Supply of Water | 05/07/15 | 121 | 14056 |
| 40 | Sourcelite | €1,003.00 | €1,003.00 | | Lighting Services during Imnarja Feast Activities | 03/07/15 | 368/371/372/367/370 | 14057 |
| | **Sub total** | **€13,500.11** | **€13,500.11** | | | | | |
| | **balance b/f** | **€5,193.53** | **€5,193.53** | | | | | |
| | **balance c/f** | **€18,693.64** | **€18,693.64** | | | | | |

Sindku

Segretarju Ezekuttiv

Kunsillier

Kunsillier

**Kunsill Lokali: Nadur**

**Skeda Numru 5**

**Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

**Data: 08/08/15 - 08/09/15**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 41 | Michael Refalo | €141.60 | €141.60 | | Hire of mobile toilets during Imnarja Feast Activities | 03/07/15 | 3207 | 14058 |
| 42 | Ta' Ciangura Folk Group | €150.00 | €150.00 | | Performance during Wirja Agrarja | 01/07/15 | | 14059 |
| 43 | VOID | VOID | VOID | | VOID | VOID | | 14060 |
| 44 | KIP | €435.83 | €435.83 | | Charge for diesel indexation Jan-June '12 | 16/07/53 | | 14061 |
| 45 | KIP | €3,990.00 | €3,990.00 | | Refuse collection June | 30/06/15 | 19545 | 14062 |
| 46 | Ozone | €69.78 | €69.78 | | Telephone bill | 31/07/15 | 112470 | 14063 |
| 47 | Joe Said | €245.00 | €245.00 | | Coordinator Dar Dun Frangisk Grima May-July | 31/07/15 | | 14064 |
| 48 | Peter Paul Said | €1,560.00 | €1,560.00 | | June Skip Service | 30/06/15 | 4278 | 14065 |
| 49 | Peter Paul Said | € 1,560.00 | € 1,560.00 | | May Skip Service | 30/06/15 | 4277 | 14066 |
| 50 | Peter Paul Said | €352.57 | €352.57 | | Various works | 30/06/15 | 4281 | 14067 |
| 51 | Peter Paul Said | €82.60 | €82.60 | | Various works | 30/06/15 | 4280 | 14068 |
| 52 | Peter Paul Said | €118.00 | €118.00 | | Supply of tarmac | 30/06/15 | 4279 | 14069 |
| 53 | Peter Paul Said | €960.00 | €960.00 | | Hire of van | 30/06/15 | 4283 | 14070 |
| 54 | Peter Paul Said | €106.20 | €106.20 | | Various works | 30/06/15 | 4284 | 14071 |
| 55 | Salvu Mintoff & Sons Ltd | €20.41 | €20.41 | | Supply of pebbles | 30/06/15 | 1613 | 14072 |
| 56 | Tal-Fulklar Folk Group | €170.00 | €170.00 | | Performance during Wirja Agrarja | 20/06/15 | 63 | 14073 |
| 57 | Michael Refalo | €120.00 | €120.00 | | Emptying of Cesspit in Dahlet Qorrot 04/06/15 | 11/06/15 | 3838 | 14074 |
| 58 | WasteServ Malta Ltd | €1,838.44 | €1,838.44 | | March | 01/04/15 | 56444 | 14075 |
| 59 | WasteServ Malta Ltd | €1,794.54 | €1,794.54 | | February | 31/03/15 | 56429 | 14076 |
| 60 | Xerri's Garden Centre | €32.00 | €32.00 | | Supply of plants | 16/03/15 | 2332 | 14077 |
| | **Sub total** | **€13,746.97** | **€13,746.97** | | | | | |
| | **balance b/f** | **€18,693.64** | **€18,693.64** | | | | | |
| | **balance c/f** | **€32,440.61** | **€32,440.61** | | | | | |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

Kunsillier

Kunsillier

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Data:** 08/08/15 - 08/09/15

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jithallas | Metodu* | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 61 | Mario Cardona | €118.75 | €118.75 | | Opening of Public Conv. in Dahlet Qorrot July | 07/08/15 | 52 | 14078 |
| 62 | Chris Paul Cardona | €174.50 | €174.50 | | Sweeping of San Blas Area July | 07/08/15 | 36 | 14079 |
| 63 | Central Power Installation | €255.80 | €255.80 | | Elevator maintenance | 29/07/15 | 5705 | 14080 |
| 64 | Go plc | €150.23 | €150.23 | | Telephone bill | 08/08/15 | 44701715 | 14081 |
| 65 | Mary Said | €120.00 | €120.00 | | Imnarja | 18/08/15 | | 14082 |
| 66 | MaltaPost Plc | €287.50 | €287.50 | | Distribution of delicata flyers | 18/08/15 | | 14083 |
| 67 | BOV | €1.50 | €1.50 | | Purchase of deposit bags | 18/08/15 | | 14084 |
| 68 | ARMS | €120.00 | €120.00 | | Wine Festival Meter | 18/08/15 | | 14085 |
| 69 | ARMS | €120.00 | €120.00 | | Wine Festival Meter | 18/08/15 | | 14086 |
| 70 | VOID | VOID | VOID | | VOID | 21/08/15 | | 14087 |
| 71 | Gatt Tarmac Ltd | €5,000.00 | €5,000.00 | | Part Payment | 24/08/15 | | 14088 |
| 72 | DOI | €9.32 | €9.32 | | Advert | 26/08/15 | | 14089 |
| 73 | | | | | | | | |
| 74 | | | | | | | | |
| 75 | | | | | | | | |
| 76 | | | | | | | | |
| 77 | | | | | | | | |
| 78 | | | | | | | | |
| 79 | | | | | | | | |
| 80 | | | | | | | | |
| | **Sub total** | **€6,357.60** | **€6,357.60** | | | | | |
| | **balance b/f** | **€32,440.61** | **€32,440.61** | | | | | |
| | **balalce c/f** | **€38,798.21** | **€38,798.21** | | | | | |

Sindku                    Segretarju Ezekuttiv

Kunsillier                    Kunsillier